MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 69/2023

It-Tnejn, 3 t'April 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba –Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini. Is-Sindku tlabet għal minuta silenzju għas-Sur Joseph Camilleri, ex Kunsillier li ħalliena dan ix-xahar.

**69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

69.1 Billi l-membri kollha kienu preżenti ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji.

**69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

69.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 67/2023-8 u Nru 68/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

69.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex fil-minuti laqgħa Nru 67/2023-8 tiġi miżjuda f'*item* 67.4.3.4 'ġewwa l-Kunsill Lokali'. Il-membri qablu.

69.2.3 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 67/2003-8 u 68/2023-8, u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

69.3.1 Is-Sindku Dott. Marlene Cini nfurmat lill-membri li intbgħatet ħaddiema ġdida tas-CWS mill-Ministeru għal Għawdex u din qed tnaddaf id-dawra tal-purċissjoni, l-isqaqien u fejn il-Każin tal-Banda.

69.3.2 Is-Sindku nfurmat lill-membri li mar il-Perit tal-MGOZ fi Triq ta' Ċenċ minħabba l-ħajt tat-Triq Mons De Piro li waqa' fi Triq ta' Ċenċ. Kompliet tgħid li l-Perit għandu jissottometti rapport ta' kif ser isir ix-xogħol sabiex jitnaqqas kull perikolu. Sadanittant tpoġġew il-barriers u t-tabelli neċessarji.

Infurmat ukoll li Perit ieħor tal-MGOZ għamel site-inspection fi Triq Għajn Mhelhel. Huwa għandu jissottometti rapport ta' kif ser isir ix-xogħol sabiex jitneħħa l-periklu.

69.3.3 Infurmat lill-membri li ser issir attivita' għat-tfal fil-vaganzi ta' l-Għid b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa fejn ser issir ħarġa kulturali f'Għawdex u tinvolvi l-*Easter Egg Hunt.* Il-membri qablu.

69.3.4 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-Kunsill ser ikun qed jingħata €172,416.01 għal proġett fuq GAGF 'Measure 3 – *Gozo Attractions and Innovative Events for all Seasons – Develop Gozo's all season tourism product offering (Third Call)* li ser tkun qed issir flimkien mal-Banda Santa Marija u l-Bottegin tal-Każin bl-isem 'Gozo....the destination of Tails and Trails'. Kompliet tgħid li l-Kunsill ser jiżviluppa *heritage trail* u se ssir sistema ta' illuminazzjoni u żewġ attivitajiet kulturali. Is-Sindku tat spjegazzjoni dettaljata ta' x'offerti u kwotazzjonijiet hemm bżonn li jiġu ppublikati. Qalet ukoll fost l-oħrajn ser ikunu qed jinxtegħlu s-salib tal-Pjazza u l-Każin tal-Banda. Bħala *lead partners* hemm bżonn li napplikaw għal ko-finanzjament. Il-memrbi qablu.

69.3.5 Infurmat lil membri li t-tipper truck tal-Kunsill kellu diversi problemi u ġie ċċekjat minn diversi mechanics pero ħadd ma sab tarf tal-problema. Wara diskussjoni il-membri qablu li jittieħed għand Frendo Automatives sabiex jiġi iċċekjat bil-kompjuter. Il-membri qablu.

69.3.6 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-Kunsill għandu kawża quddiem it-tribunal għal talbiet żgħar minħabba dik is-siġra li allegatament waqgħet fuq karozza f'Awwissu 2019 fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Infurmathom illi l-Avukat tal-Kunsill preżenta ir-risposta li hi preskritta. Is-seduta ser tkun fil-25 t'April.

69.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

69.4.1 *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

69.4.1.1 Rigward il-parti ta' Triq Għajn Mhelhel fejn qed iċedi, staqsiet ittieħditx xi azzjoni. Is-Sindku infurmatha illi din diġa ġiet diskussa.

69.4.1.2 Talbet sabiex isir *meter double yellow line* mal-ġnub ta' bieb ta' garaxx fi Triq Frank Debono. Il-membri qablu.

69.4.1.3 Staqsiet għall-update rigward it-talba li kienet saret għal *personalized parking bay* fi Triq Għar Qawqla. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha illi vverifikat ma TM u qedgħin jaħdmu fuqha.

69.4.1.4 Rigward il-Ġnien ta' Tlett Għoljiet fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Ġibdet l-attenzjoni sabiex isiru d-diskussjonijiet meħtieġa sabiex dan il-ġnien jitranġa u jsir il-manteniment meħtieġ fih mill-aktar fis possibli sabiex it-tfal ikollhom post ta' rikreazzjoni mingħajr perikolu fil-qalba ta' Marsalforn.

69.4.1.5 Talbet sabiex jitranġaw id-dwal fi Triq Santa Marija. Is-Sindku infurmatha li kellha laqgħa mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar flimkien mal-Perit tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jibdel u jirranġa il-fanali kollha minn Triq Santa Marija sal-Bajja tal-Qbajjar. Kompliet tgħid li l-PA qed isibu problema minħabba l-*light pollution.* Infurmata li għandha ssir laqgħa oħra flimkien ma' Galea Curmi Consultants u l-PA fil-jiem li ġejjin sabiex tinstab soluzzjoni.

69.4.1.6 Talbet sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin speċjalment lejn l-inħawi tal-Qolla s-Safra. Il-membri qablu li jinformaw lis-supervisor ta' Marsalforn.

69.4.1.7 Talbet sabiex issir tfakkira lil Gozo LC Works biex terġa tinżebah iz-zebra crossing ta' Triq il-Qbajjar.

69.4.1.8 Talbet sabiex fejn saret it-trinka tal-Go fuq il-bankina ta' Triq il-Qbajjar, jingħata l-*grouting* peress li l-madum qed jiċċaqlaq.

69.4.1.9 Skużat ruħha li talbet sabiex jinqala' l-bank li twaħħal fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq it-Torn u qalet li sew li jibqa' hemm peress li qed jużawh l-anzjani.

69.4.2 *Il-Kunsillier is-Sur Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:*

69.4.2.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba sellem il-memorja tas-Sur Joseph Camilleri. Propona li ssir bandiera għal fuq it-twiebet sabiex tintuża għal funerali peress li l-bandiera li saret fi żmienu u ntużat l-ewwel darba fil-funeral ta' l-ex-Sindku Harry Debono ma kinitx preżentabli. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li tkun isbaħ jekk din issir bil-frenza. Il-membri qablu li għandhom jinġiebu l-qisien qabel tiġi ordnata waħda u jitkellmu ma' xi ħadd tal-funerali.

69.4.2.2 Rigward il-bandiera fil-jiem ta' qabel il-funeral tas-Sur Joseph Camilleri, is-Sur Nicky Saliba qal li jħossu ddispjaċut għal li ġara fejn meta talab sabiex jqasrilha baqa' ma ngħatax tweġiba mis-Sindku meta bgħat fuq whatsapp. Is-Sindku infurmatu li hi staqsietu meta ser isir il-funeral għax ma kinitx taf jekk kinux ser jilħaq isir ix-xogħol u hi baqgħet bla tweġiba. Is-Sur Nicky Saliba qal li weġibha. Ġibed l-attenzjoni wkoll li ma ġiex infurmat li waqt il-funeral kellu jitla' jpoġġi l-bandiera flimkien ma sħabu fuq it-tebut u sostna li mnalla mar l-isptar għax il-familja kienu jaħsbu li hu miġġieled magħhom billi ma telax ipoġġi l-bandiera fuq it-tebut. Is-Sindku fakkritu li waqt il-quddiesa l-Arċipriet stieden lil membri tal-Kunsill sabiex jpoġġu l-bandiera u li seta' telgħa bħal ma għamel is-Sur Daniel Cordina. Il-Kunsillier Daniel Cordina ġibed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill jimxi mal-protokol u l-bandiera ta' quddiem il-Kunsill titla' mezz' asta fil-ġurnata li ser ikun ser isir il-funeral u mhux fil-ġurnata tal-mewt.

69.4.2.3 Rigward id-dawl fi Triq Santa Marija sal-Bajja tal-Qbajjar qal li reġa ġie infurmat li għadu bla dawl. Is-Sindku infurmatu li kif diġa qaltlu saret laqgħa mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar f'dan ir-rigward. Qaltlu li kien hemm id-dlam peress li xi ħadd qata l-linja u għalhekk kien hemm id-dlam infatti sar rapport mal-Pulizija rigward dan. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hu kien talab sabiex isiru l-*floodlights* proviżorji. Qal li fiż-żmienu kien talab sabiex isir *floodlight* fuq is-CCTV ta' fejn l-iskips tal-Qbajjar. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekja f'dan ir-rigward.

69.4.2.4 Rigward id-*dragon teeth* ta' Triq il-Knisja, qal li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni mill-Ministeru għal Għawdex li ser tinżebaħ pero baqgħet ma saritx u għaldaqstant talab sabiex issir mill-

Kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li l-Kuntrattur bħalissa jinsab indispost u għalhekk il-membri qablu li jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

69.4.2.5 Rigward il-Ħajt fi Triq Wied l-Abjad li kellu jsir mill-Ministeru għal Għawdex qal li mhux ser jikkumenta fuq ċertu ħitan pero la għadu ma sarx għandu jsir mill-Kunsill. Is-Sindku nfurmatu li dan ma sarx mill-Kunsill minħabba l-ispiża kbira li fih u dan skont il-BOQ li ġiet preżentata mill-Perit. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li flok jitneħħa kollu jsiru biss it-tlett salħiet li waqgħu u minflok jinbena' bil-ġebel tal-kantun. Il-membri qablu li għandu jittieħed il-parir tal-Perit jekk jitranġaw biss it-3 salħiet jistax jaqa' l-ħajt.

69.4.2.6 Talab sabiex isir il-*patching* neċessarju mad-dawra tal-purċissjoni inkluż Triq Skappuċċina. Il-membri qablu.

69.4.2.7 Propona u l-membri qablu sabiex jinżebaħ il-bieb tal-garaxx li hemm taħt il-*playing field* tal-Virtut.

69.4.2.8 Staqsa jekk hux ser jitkomplew jinbnew il-ħitan tas-Sagħtrija mill-fondi li l-Kunsill kien ħa mill-EU. Is-Sindku infurmatu li dawk il-fondi ġew eżawriti kollha u għalhekk inbena sa hemm, kompliet tgħid jekk toħroġ xi call oħra mill-EU l-Kunsill ser ikun qed japplika. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li la ħa jkun qed jinbeda x-xogħol ta' tarmac mhux lakemm tlaqqa' mal-bini tal-ħitan tas-sejjiegħ. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona u l-membri qablu li għandha ssir talba lil Eco Gozo sabiex jibnuh huma bħal ma għamlu fuq in-naħħa l-oħra.

69.4.2.9 Staqsa meta ser jibdew jinġabru l-fondi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fuq il-proġett ta' Triq Santa Marija sabiex jinbeda' x-xogħol mill-aktar fis possibli. Is-Sindku nfurmatu li għalkemm il-Kunsill għamel żewġ applikazzjonijiet separati, waħda fuq il-belvedere u l-oħra fuq r-railing u dawl xorta l-Awtorita' ta' l-Ippjanar qalulna li ser jiġu approvati flimkien peress li fl-istess post.

69.4.2.10 Talab sabiex jinżabru s-siġar tal-bruk mis-Sagħtrija sa Ras ir-Reqqa. Il-membri qablu.

69.4.2.11 Talab sabiex jiżdied iktar dawl fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li għandhom isiru aktar dwal peress li ser jitwaħħlu s-CCTV cameras mill-Pulizija tal-Kommunita'.

69.4.2.12 Staqsa rigward il-1.5m keep clear quddiem entratura ta' dar fi Triq Skappuċċina. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi rċeviet korrispondenza minn Transport Malta sabiex timtela' formola apposta flimkien mad-dokumenti neċċessarji.

69.4.2.13 Staqsa jekk il-laqgħat tal-Kunsill jistgħux jsiru online. Kompla jgħid li meta vverifika ġie nfurmat li ma jistgħux isiru online ħlief f'ċirkustanzi urġenti. Is-Sindku nfurmatu li Kunsilli oħra jagħmlu laqgħat tal-Kunsill online. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li laqgħa uffiċċjali tal-Kunsill ma tistax issir online.

69.4.2.14 Il-Kunsillier Nicky Saliba iddikkjara li hu qatt ma prova jew ried ikun Viċi Sindku u qal li qed jgħid dan peress li semgħa xi għajdut.

69.4.3 *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

69.4.3.1 Propona u l-membri qablu sabiex għal Ġimgħa l-Kbira ssir *park & Ride* miċ-Ċimiterju sal-Każin tal-Banda.

69.4.3.2 Informa lil membri li l-gandott li kellu jsir minħabba s-servizzi fi Triq Oniċi kważi lest u għalhekk għandu jinbeda' x-xogħol li ġie maqbul li jsir mill-Kunsill f'din it-triq. Il-Kunsillier Daniel Cordina għandu jinforma lil Kunsill meta jista' jinbeda x-xogħol.

69.4.3.3 Talab sabiex jerġgħu jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku li tneħħew biex saret it-trinka tas-Sagħtrija quddiem Ħal Sagħtrija Complex. Il-membri qablu.

69.4.3.4 Fakkar fis-Survey ta' Triq Ponta li kellu jibgħat il-Perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu illi s-survey huwa lest pero qed jiġi vverifikat mill-Perit.

69.4.3.5 Talab sabiex il-ħajt li kien talab li jsir fil-laqgħa preċedenti f'Tal-Wejżaq jinbeda' x-xogħol.

69.4.3.6 Qal li hu inaċċettabli kif bankina li ntalbet biex issir minn fuq is-sistema tal-Gozo LC works fi Triq il-Ponta għadha ma saritx. Qal li hemm bżonn tittieħed azzjoni. Kompla jgħid li hu diġa kiteb fuq il-midja soċjali f'dan ir-rigward. Qal li din il-bankina approvata mid-Direttur Ġenerali u staqsa min qed iżommha minn naħħa tal-kejselli.

69.4.3.7 Staqsa rigward bankina quddiem 'Dar għall-Kwiet' fi Triq Għajn Mhelhel liema bankina ilha mitluba kważi 3 snin. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill qed jaħdem sabiex joħroġ l-offerta tal-bankini. ~~u li din mhix bankina iżda rampa u t-talba saret għal rampa~~.

69.4.3.8 Talab sabiex jinbidel ir-railing tat-taraġ li jagħti għal fejn il-Horizon Restaurant. Il-membri qablu li dan isir ta' l-istainless steel mill-aktar fis possibli minħabba l-perikolu.

69.4.3.9 Sabiex tingħata tfakkira minħabba it-taraġ ta' l-istainless steel li kellu jinħadem għal fejn l-islip way tax-Xwejni.

69.4.3.10 Staqsa x'ser isir rigward il-periklu fi Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku nfurmatu li kif diġa nfurmathom illi l-Kunsill qed jistenna l-eżitu tal-Perit tal-Ministeru għal Għawdex sabiex ikun jista' jinbeda' x-xogħol.

69.4.3.11 Talab sabiex isir il-patching neċessarju fl-inħawi tas-Sellum.

69.4.3.12 Staqsa meta ser jiġi nawgurat il-proġett li sar mill-fondi tad-DPF taż-Żebbuġ Playing Field. Qal li dan ix-xogħol ilu lest u hemm bżonn li jiġi nawgurat u propona li jiġi nawgurat f'Jum iż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġbet illi dan għadu ma ġiex inawgurat peress li l-kuntrattur tal-pavimentar għadu ma tħallasx u ma tħossx li qabel ma jitħallas għandu jiġi nawgurat. Kompliet tgħid li qabel ma jinġabru l-fondi mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar f'dan ir-rigward ma għandhiex il-ħsieb li tawgurah. Għal darb'oħra propona li l-inawgurazzjoni tkun parti mill-attivitajiet ta' Jum iż-Żebbuġ la l-Kuntrattur diġa tħallas somma sostanzjali. Wara diskussjoni bejn il-membri s-Sindku qalet li l-proġett wasal sabiex jingħalaq u għalhekk il-Kunsill għandu jistenna sa x'ħin jitħallas il-kuntrattur u wara jiġi nawgurat.

69.4.3.13 Staqsa rigward il-kisi mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġbet li l-Perit qiegħed f'kuntatt mal-Enemalta, Go plc, Epic, Melita u WSC biex jara fejn hemm servizzi li jridu jinbidlu biex b'hekk iħejji l-BOQs neċċessarji u tkun tista' toħroġ l-offerta.

69.4.3.14 Staqsa jekk hiex ser tiġi miksija wkoll parti minn Triq ir-Rabat, cioe minn fejn ir-roundabout fejn hemm il-palma fir-roundabout sa Marsalforn Hotel. Is-Sindku nfurmatu li dik il-parti ser issir kif ukoll ser issir id-dawra kollha minn Triq il-Qbajjar għal Triq Santa Marija kif ukoll il-*bridge* tal-Qbajjar.

69.4.3.15 Propona sabiex jinxtegħel is-sies 'Ta' Abram' bid-dawl imqabbad ma' l-istreet lighting u jagħti l-isfel ħalli ma jdejjaqx lin-nies. Wara diskussjoni il-membri qablu li ser tiġi ċċekjata l-korrispondenza ma' l-Awtoritajiet ta' l-Artijiet għax diġa kien hemm il-ħsieb li jinxtgħel.

69.4.3.16 Ġibed l-attenzjoni li Triq Għar Qawqla kellhom jiżdiedu xi kaxxi tal-parkeġġ speċjalment quddiem il-garaxxijiet li jintużaw bħala flettijiet u terġa tinżebaħ ukoll il-kaxxa riservata għal persuni b'diżabilita'. Is-Sindku nfurmatu li ser jerġa jiġi avviċinat il-ħaddiem li ħa ħsieb li dawn jinżebgħu peress li kienu mdaħħla fil-pjanta tal-Perit. Il-Kunsillier Cordina talab ukoll sabiex tiġi asflatata l-pjazzetta li hemm fl-istess triq. Il-membri qablu li jsir il-*patching* neċessarju.

69.4.3.17 Informa lil membri li xi persuni tefgħu xi imbarazz f'Wied l-Infern. Ser jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill biex inaddfu.

69.4.3.18 Talab sabiex jinżabru s-siġar taż-żebbuġ f'Wied l-Infern int u sejjer lejn is-sala tat-tiġijiet. Il-membri qablu.

69.4.3.19 Staqsa rigward il-kisi ta' Triq il-Ponta. Is-Sindku nfurmatu li ħarġet l-offerta mill-Ministeru għal Għawdex pero kien hemm xi appell. Infurmatu li qed jistennew l-eżitu ta'dan l-appell.

69.4.3.20 Rigward it-tneħħija tal-wires tad-dawl u t-twessieh tal-bankini minn Pjazza l-Assunta. Talab sabiex jitwessew il-bankini skont il-permess li kien ġie approvat mill-PA snin ilu u dan in-naħħa taċ-

Ċentru. Is-Sindku nfurmatu li anke n-naħħa l-oħra tal-pjazza talbu sabiex jitwessew. Il-Kunsillier Cordina talab sabiex wara li jitwessew il-bankini jsiru l-wires. Kompla jgħid li mhux minnu li l-persuna responsabbli mill-Knisja ma ridx il-'feeder' ta' l-Enemalta jeħel fejn il-Knisja. Wara diskussjoni s-Sindku nfurmatu li malli l-Enemalta jgħaddu l-pjanta tal-proġett lil Perit tal-Kunsill, il-Perit ikun jista' jħejji l-BOQs neċessarji.

69.4.3.21 Sabiex issir tfakkira sabiex jitwaħħlu il-bollards bil-katina mad-dawra tal-Qolla l-Bajda.

69.4.3.22 Qal li hemm bżonn issir *picnic area/BBQ area* taħt is-sies fejn il-*breakwater.*

69.4.4 ***Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:***

69.4.4.1 Talab sabiex terġa teħel it-tabella tad-'dead end' fil-bidu ta' Trejqet l-Andar.

69.4.4.2 Staqsa rigward il-*crash barriers* fi Triq l-Imgħallem. Is-Sindku nfurmatu li iltaqgħet mal-Perita ta' Transport Malta u ser tiżdied biċċa oħra.

69.4.4.3 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil electrician sabiex jirranġa l-bozzoz ta' mal-kolonni fil-belvedere ta' Triq Mons de Piro.

69.4.4.4 Talab sabiex waqt il-ħinijiet ta' l-iskola Triq Goma tiġi *one way* peress li qed jeħel it-traffiku. Is-Sindku nfurmatu li ser tiġi ċċekjata l-korrispondenza lil Transport Malta f'dan ir-rigward peress li l-Kunsill diġa għamel din it-talba ma' Transport Malta.

69.4.4.5 Staqsa rigward il-kisi tat-triq li kellha ssir ta' Għajn Quċċat. Il-Kunsillier Nicky Saliba ġibidlu l-attenzjoni li hemmhekk kien hemm xi problemi bil-qlib ta' l-ilma u kien għalhekk li ma saritx.

69.4.4.6 Talab sabiex jeħlu tabelli li jindikaw li hemm is-shelters tal-gwerra fi Triq il-Knisja. Il-membri qablu.

69.5 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti:-
ZGLC/07/2022 – *Works – RoadWorks – Triq ta' Tutiet, Ta' Sagħtrija and Triq tal-Ħluq.*
ZGLC/09/2022 – *Supply and Installatin of Playing equipment and safe surfaces for Qbajjar Promenade – West end, including paving and related works*

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Adġudikazzjoni ta' l-offerti. Il-membri qablu li jimxu mar-rakkomandazzjonijiet tal-bord u għalhekk rigward ZGLC/07/2022 għandha tingħata lil irħas offerant – Road Structures Ltd – Lot 1 – Triq ta' Tutiet li tammonta għal €34,052.75, Lot 2 – Triq ta' Sagħtrija li tammonta għal €174,480.84 waqt li Lot 3 – Triq tal-Ħluq li tammonta għal €96,837.60. Is-Sindku Dott Marlene Cini proponiet sabiex issir applikazzjoni biex jekk jibqa' fondi tal-EU issir applikazzjoni sabiex tinkesa il-parti tat-triq minn fejn Villa Fiorita sa quddiem ta' Mena. Il-membri qablu li din tiġi diskussa wara li l-Kunsill ikun ċert li baqa' l-fondi.

ZGLC/09/2022 għandha tingħata Lot 1 – Works lil Rupert Zammit li tammonta għal €28,410.94 waqt li Lot 2 - Equipment lil Projekte Global Ltd li tammonta għal €58,848.46. Il-membri qablu.

69.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

69.6.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva talba mill-Otters sabiex flimkien mal-Kunsill tiġi organizzata attivita' għat-tfal fil-Wied ta' Marsalforn fit-30 t'April. Il-membri qablu.

69.6.2 Talba sabiex jinbena ħajt tas-sejjiegħ fi Triq Wied l-Infern tas-Sur G. Saliba. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

69.6.3 Talba mingħand G. Saliba sabiex tinqala l-bozza 157/66 minn mal-proprjeta' tiegħu 68, Sqaq Triq San Mikiel peress li ser iwaqqa' l-bini. Is-Sur G. Saliba ġab il-permess ta' sid il-blokka ta' fejn qed jipproponi li titmexxa din il-bozza. Il-membri qablu.

69.6.4 Ċirkulari 4/2023 – Proġett ta' School Grannies. Il-membri qablu li tiġi mitkelma mal-Kap ta' l-Iskola Primarja.

69.6.5 Ċirkulari 5/2023 - Linja Gwida dwar il-proċessi ta' ħlas u rimborż għas-servizz ta' ġbir tal-iskart. Ġiet nnotata.

69.6.6 Talba sabiex jingħata permess biex issir *one day event* taħt il-Qolla l-Bajda fejn l-għar ta' Santa Marija. Il-membri qablu imma ssir b'kundizzjoni li tinżamm l-indafa.

69.6.7 Talba sabiex jingħata permess lil Abode f'Ġunju sabiex jsir festival fi Triq il-Batterija. Wara diskussjoni bejn il-membri, ttieħed vot. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Nicky Saliba u Baskal Saliba qablu li jingħata l-permess peress li dejjem ingħataw permessi għal festivals simili f'dan il-post waqt li l-Kunsillier Daniel Cordina ma qabilx li jinħareġ il-permess minħabba li s-sena l-oħra kien hemm ħafna tgergir mir-residenti.

69.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li s-Sindku għamlet rapport mal-pulizija rigward li kien qed jiġi maqtugħ is-supply tad-dawl minn mas-CCTV cameras fil-parkeġġ tal-Qbajjar Promenade. Il-Kunsillier Daniel Cordina ikkundanna dan l-aġir.

69.6.9 Talba mingħand M. Gauci għal kollaborazzjoni biex tiġi organizzata performance fl-Oratorju Don Bosco 'Be the Change' fit-30 t'April 2023. Il-membri qablu li l-Kunsill ma jonfoqx iżjed minn €100.

69.6.10 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi nhar it-13 t'April ser tattendi għal laqgħa flimkien mas-Sindku u l-Accountant tal-Kunsill id-DLG minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

69.6.11 Talba sabiex il-Kunsill jikkonferma li l-isqaq fejn numru 53, Triq Għajn Mhelhel huwa *maintained and serviced* mill-Kunsill. Il-membri qablu li għandu jivverifika l-Perit tal-Kunsill.

69.6.12 Talba sabiex titranġa rampa bill-konkos u x-xibka fid-Dabrani. Il-membri qablu li ssir mill-Kunsill.

69.6.13 B'riferenza għal fanal li waqa' fuq karozza fi Triq Franġisk Stivala. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-istima sabiex titranġa l-karozza hi ta' €990.99. Peress li l-*excess fee* sabiex il-Kunsill jikklejmja mill-insurance tammonta għal €350, il-membri qablu li din tiġi klejmjata ma l-insurance.

69.6.14 Talba mingħand T. Debrincat sid ta' proprjeta ġdida fi Triq il-Qolla s-Safra sabiex issirlu l-bankina. Il-membri qablu li ssir talba lil Gozo LC Works.

69.6.15 Korrispondenza mibgħuta mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-PA rigward PA/0778/21, PA/02841/22, PA/06221/21 u PA/02761/22. Il-membri innotaw il-kontenut.

69.6.16 Talba sabiex tinqala' bozza minn ma' arblu fi Triq Mons G. De Piro sabiex is-sid ikun jista' jagħmel culvert taħt l-art. Il-membri qablu li l-bozza tibqa' mwaħħla ma l-arblu u jekk irid is-sid ineħħi l-wires jew jekk irid ineħħi l-arblu jagħti l-permess li l-bozza teħel mal-proprjeta' tiegħu.

69.6.17 Talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq iċ-Ċnus. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li xi sentejn ilu diġa saret talba lil Gozo LC Works. Il-membri qablu li għandha terġa tingħata tfakkira.

69.6.18 Skemi mid-DLG:
SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika għal attivitajiet tal-Milied simili bħal ma sar is-sena l-oħra.
SPI/SCI/02/2023 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jara x'jista' japplika.
SPI/SCI/03/2023 – Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023.
SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati. Is-Sindku nfurmat lil membri li ser issir laqgħa mas-CPT f'dan ir-rigward.
SPI/SCI/05/2023 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.
Il-membri nnotaw il-kontenut.

69.6.19 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li waslu żewġ talbiet għal permess sabiex isir xi *camping.* Il-membri ma qablux ma dan peress li fil-lokalita' ma għandniex *camping site.*

69.6.20 B'riferenza għat-talba sabiex issir 'No Entry for Heavy Vehicles' fi sqaq fi Triq il-Ponta minħabba l-biża li tisfronda t-triq peress li hemm xi għerien. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li r-residenta talbet li jsir *risk assessment*. Il-membri qablu li jitolbu l-parir tal-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

69.6.21 Rigward l-artiklu li deher fuq FB li kien imtella' minn Shift News li ser isir il-Liquid Spirit Festival fil-Batterija. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Gozo in the House talbu għal permess tal-Kunsill sabiex isir festival f'Settembru fi Triq il-Batterija u mhux fil-Batterija. Kompliet tgħid lili ssottomettew il-pjanti u ser iġibu l-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet konċernati, imbagħad jinħareġ il-permess mill-Kunsill.

69.6.22 Rigward it-talba għal 1.5m keep clear quddiem entratura ta' dar fi Triq Skapuċċina, s-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li trid timtela formola ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

69.6.23 Talba sabiex issir talba lil TM għal SLOW sign mal-art fi Triq Skapuċċina fid-daħla ta' Trejqet l-Andar. Il-membri qablu.

69.6.24 Talba sabiex issir rampa flok bankina fejn il-garaxxijiet li hemm fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer sabiex ikun hemm aċċess adekwat għal persuni li jużaw siġġu tar-roti. Il-membri qablu li din issir.

69.6.25 Talba sabiex il-bank li hemm fi Triq is-Sajjied jinbidel għal wieħed komdu peress li hemm m'għadux tajjeb. Il-membri qablu.

69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 44/2023 għall-perjodu ta' Marzu 2023 li tammonta għal €73,376.45 ġiet diskussa minħabba pagament nru 17.
Il-membri qablu li dan il-pagament jiġi diskuss mal-kuntrattur qabel ma jitħallas u għalhekk tħassar minn fuq l-iskeda.

Il-Kunsillier Nicky Saliba talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tivverifika jekk hu jistax jiffirma l-iskeda peress li hu stess ressaq il-kont tal-ġbir Nru 57 ta' skart għan-nom tar-Reġjun. Għaldaqstant irriffjuta li jiffirma qabel ma ssir il-verifikazzjoni meħtieġa mad-Dipartiment għal Gvern Lokali.

69.8 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.55 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 25 t'April 2023 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv